

# Il-Bradella u l-Bankun ta' San Ġorġ Martri tagħlaq 25 sena

Jikteb is-Sur Charles Borg





Ħamsa u għoxrin sena ilu, l-poplu Ġorġjan feraħ bil-kbir meta fl-aħħar ġiet inawgurata l-Bradella u l-Bankun tal-Vara Titulari. Jiena kont wieħed milli ħdimt għal din l-opra tant kbira. Jiddispjaċini li ġieli nkitbu xi kummenti dwar din l-opra li ma kienux korretti. Forsi min kiteb dwar din l-opra, ma kienx inovlut fiha u għalhekk ma kienx infurmat tajjeb. Illum fuq stedina mill-Bord Editorjali ta' dan il-Ktieb, tħajjart nikteb kelmtejn u nagħti xi dettalji li jien ċert li huma korretti. Peress li jiena kont wieħed minn dawk li ħdimna għall-Purċisjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kien ħajjarni s-Sur Salvu Debono biex nagħtieh daqqa t'id ukoll fil-ġbir tal-Bradella u l-Bankun. Jien ħassejt li kelli ngħinu għax kien jinsab waħdu u meta għidtlu iva niftakar li kien ħa r-ruħ. Hu kien qalli li kien ġa ftiehem ma' mastrudaxxa li kien jismu Ġużi Curmi biex jaħdem din l-opra. Din l-opra Curmi beda jaħdimha f'Karreja f'Triq Pinto. Għalkemm beda jsir xi ġbir matul is-snin, bdejna nsibu xi diffikultajiet pero San Ġorġ Martri wriena t-triq u mxejna. Jien u Salvu konna niddiskutu spiss fuq il-finanzjarjament għal din l-opra, pero d-determinazzjoni ta' Salvu, lili kien jinkoraġġini biex inkompli għaddej.

Metawasalnagħall-ispiżatal-Bronżkonnakkonfondejna naqra għax din kienet somma sostanzjali. Minn hemm iddeċidejna li nibdew nagħmlu medalji tad-deheb ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel u ntellawhom lotterija. Dan rajna li ma kienx biżżejjed u rajna li l-qliegħ tat-tombla li kienet issir fejn kien l-Azzjoni Kattolika, f'Triq il-Kbira li sa dak iż-żmien dan il-qliegħ kien imur għall-Ġimgħa l-Kbira, issa jibda jmur għal din l-opra. Jien kont wieħed minn dawk li taw il-kontribut ukoll f'din it-tombla u hawn ma nistax ma nsemmix lil ħabrieki George Grech li ta kontribut kbir ukoll. Wara dan irnexxielna nagħmlu kaxxa quddiem l-istatwa titulari fil-Knisja biex fiha jibdew jintefgħu donazzjonijiet b'risq din l-opra u minn hawn 'il quddiem bdejna noqogħdu aktar. Il-Bronż tal-istatwetti u Alto rilievi li kienu saru fuq disinn tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi inħadem mad-ditta Cutajar Works, filwaqt li l-Bronż tal-Puttini, mid-ditta Abela & Sons.

L-iskultura ġie deċiż li nagħtuha f'idejn l-iskultur bravu Salvu Bugeja u miegħu ftieħmna wkoll. Hawn kien inqala' ftit tad-diżgwid mad-disinjatur ta' din l-opra, Frans Tribli, li kien ħadem ukoll l-interzjar fil-Bradella u l-Bankun. Tribli kien qal li Bugeja kien meslu d-disinn, pero dan ma kien minnu xejn. Peress li minn meta nbeda x-xogħol kienu ġa għaddew tliet snin u konna viċin li nlestu kollox, inqalgħu sitwazzjonijiet li dan ma ppermettewhx li jsir u għalhekk kellna nġeddu għas-sena ta' wara. Biex dan iseħħ, kellna nsibu mastrudaxxa ieħor biex jgħin lil Curmi ħalli x-xogħol jitħaffef u jitlesta fiż-żmien miftiehem. Sadanittant, sibna l-mastrudaxxa l-ieħor li kellu jgħin u jaħdem fuq id-direzzjoni ta' Ġużi Curmi u dan kien Ġorġ Debono. B'dan il-ftehim, konna żgurati li din l-opra tiġi nawgurata għall-Festa tal-1985 kif fil-fatt sar, pero minħabba dan l-arranġament, il-Bradella u l-Bankun kellhom jiġu trasferiti fit-Triq l-Għaqda biex ix-xogħol ikompli jinħadem hemm. Dun Mikiel Zammit, Dun Pawl Genovese, Emanuel Debono, in-Nutar Antoine Agius u John M. Spiteri, kollha taw il-kontribut tagħhom f'din l-opra. Niftakar li fit-23 t'April 1985, fil-Jum Liturġiku ta' San Ġorġ Martri, konna esebejniha għall-pubbliku fil-Knisja għall-ewwel darba bl-iskultura u l-bronż pero bla lostru.

Hemm, il-Qriema ndunaw li kien se jkollna opra kbira li verament tixraq lil Patrun tagħna. Minn dakinhar, qam entużjażmu kbir fost il-Ġorġjani sabiex jaraw din l-opra lesta u għalhekk kienu żiedu fid-donazzjonijiet tagħhom. Mill-ewwel inbeda x-xogħol tal-lostru u għal dan ġie nkarigat il-ħabrieki lustratur Nazzarenu Darmanin li għamel dan ix-xogħol kollu b'mod volontarju u anke saħanstira ħallas minn butu l-ispejjeż involuti, u f'xahrejn lesta dan ix-xogħol li għamlu verament mill-aqwa. Ġie nkarigat ukoll l-inġinier Ġorġ Zammit biex jagħmel *lifter* li jitpoġġa taħt il-bradella, liema makkinarju sar jaħdem mhux biss manwali iżda wkoll bl-elettriku.

Wara li sar dan ix-xogħol kollu, fuq xewqa tas-Sur Salvu Debono li ried li din l-opra ssirilha festa kif jixraq, dan seħħ nhar il-Ħadd 23 ta' Ġunju 1985. Minn barra l-Festi li saru fuq barra, fejn ukoll fuq iz-zuntier tbierket il-Bradella u l-Bankun mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Edgar Attard, dan faħħar ukoll il-ħidma ta' dawk kollha li ħabirku u li ħadmu għas-suċċess ta' din l-opra. Wara, fil-knisja saret Akkademija u quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Meta din l-opra għalqet għaxar snin mill-awgurazzjoni tagħha, jiġifieri fl-1995 il-Banda Anici kienet fakkret dan l-anniversarju billi għamlet programm vokali u strumentali quddiem il-każin stess, u dan kien sar il-Ħadd 18 ta' Ġunju tal-istess sena.

Fl-aħħar nett nispiċċa dan l-artiklu billi b'mod esklussiv f'dan il-ktieb li toħroġ l-Għaqda Mużikali nippubblika r-rendikont awtentiku finanzjarju li kien ingħata lill-Arċipriet wara li tlestiet din l-opra sabiex min ma jiftakarx dan l-avveniment ikollu tifkira.

(Ir-rendikont jidher fil-paġna 118)

RENDIKONT TAL-BREDELLA U BANKUN TA'SAN GORG.
SAL-21 TA' GUNJU, 1985.

DHUL

| | |
|---|---|
| Donazjonijiet kontra ricevuti....... | Lm 3889.55c1m |
| Societajiet........................... | Lm 295.00c0m |
| Fratellanzi........................... | Lm 247.00c0m |
| Gbir mill-envelopes................... | Lm 1300.26c5m |
| Mill-kaxxa tal-Knisja................. | Lm 1126.50c0m |
| Kleru................................. | Lm 470.00c0m |
| L-istatwetti.......................... | Lm 3100.00c0m |
| Lotteriji............................. | Lm 1458.50c0m |
| Dhul Iehor............................ | Lm 2012.18c4m |
| | Lm13899.00c0m. |

HRUG

| | |
|---|---|
| Disinn................................ | Lm 100.00c0m |
| Abozzi Ghal Bronz..................... | Lm 1000.00c0m |
| Injam................................. | Lm 750.00c0m |
| Xoghol tal-Bronz...................... | Lm 5600.00c0m |
| Angli tal-Bronz....................... | Lm 300.00c0m |
| Skultura.............................. | Lm 1800.00c0m |
| Xoghol tal-Injam(mastrudaxxa)......... | Lm 2550.00c0m |
| Jack u xoghol tal-hadid............... | Lm 640.00c0m |
| Roti.................................. | Lm 60.00c0m |
| Bsaten................................ | Lm 100.00c0m |
| Festa................................. | Lm 469.00c0m |
| Rigali................................ | Lm 230.00c0m |
| | Lm13499.00c0m |

Ghalhekk jibqa' bilanc ta' Lm400.00c0m

N.B. Id-dhul ta' flus wara d-data ta' dan ir-rendikont, kif ukoll dawn it-Lm400 bilanc jimorru ghan-nicca fejn sejra tintrefa' din l-opra.

S. Debono

Salvu Debono,

f'isem il-Kumitat ghal Bredella u Bankun ta' San Gorg.

C. Bey

info@anicibandclub.org

Il-Banda tal-Patrun